# IL-ĠLIEDA TAL-WARD

Ġewwa l-mixtla tal-ward, fil-ġnejna tiegħi,
Il-ward iġġieldu. Ġew igħiduli mbissma
L-agħsafar mistoħbija qalb il-friegħi.

Ġara li l-qronfla gemgmet għall-verbena
Li qed tfuħ wisq, sabiex fuq sħabha tilma:
Tliftli, qaltilha, tar-rebbiegħa l-hena.

Qabżet hawnhekk il-warda ta' mitt werqa
U stqarret li għalkemm m'għandhiex wisq fwieħa,
Hi biss u ħuha l-ġilju fihom serqa.

Regħ'x il-Pensjer għal kelma hekk bla qima,
U biex jaraw min minnhom hi sabiħa
Talbu lill-Vjola taqta' dit-tilwima.

'Ma s-Sultana tas-Skiet kemm kemm mistħija
Weġbithom li hi tibża' mis-sbuħija.

ĠORĠ PISANI